"T"

Trouble maker — Trouble wafer.
Tray — Train.
Trasportazzjoni — Esportazzjoni.
Train — Tray.
Trizza — Strizza.
Tropikali — Topikali.
Terribbli — Interribbli.

Tourist Bureau — Torri Burlò.

"W"

Windsor Terrace — Wenzu u Tereż.
Wedding Cake — Wooden Cake.

"X"

X-Rays — Esk Race.

Ma nidħolx fl-ispropositi li niltaqgħu magħhom fit-talb, bħal *Torri ta' Bormla* flok *Turris Eburnea* għaliex mhux xieraq. Imma nittama li l-pregieri jibdew jintgħallmu aħjar, ukoll jekk bil-Latin, għax ċerti litaniji u rużarji li jingħadu fil-knejjes ma tantx ikunu jispiraw devozzjoni.

U l-pregieri tal-knisja mhumiex ċajta.

Iċ-ċajt, tabilħaqq, inħalluh għal waqtu: għall-festini soċjali, għad-diskorsi ta' wara l-pranzijiet, għall-palk.

Iżda hawn ukoll wieħed ma jridx jeżaġera għax inkella ċ-ċajt ma jkollux effett tajjeb. Mhux kull kummedjografu jaf joħloq Mrs. Malaprop oħra bħalma ħoloq Sheridan f'"The Rivals". Il-Malapropismi huma żbalji goffi mqegħdin mill-awtur f'ħalq il-persunaġġ tiegħu biex idaħħak. Imma wkoll biex iġġiegħel karattru jitkellem żbaljat bl-ikreh trid tkun taf tajjeb il-lingwa tiegħek. Inkella, flok iddaħħak tbikki.

U mhux kull pubbliku jista' jifhem sewwa lil Mrs. Malaprop fit-3 xena tat-3 att tal-kummiedja Sheridjana meta hija tgħid:—

"*Sure, if I reprehend* (apprehend) *anything in this world, it is the use of my oracular* (vernacular) *tongue and a nice derangement* (arrangement) *of epitaphs* (epithets)".

## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

Nixtiequ nerġgħu nfakkru lill-Imseħbin illi l-abbonament ta' **"IL-MALTI" ma għadux 2s. 6d. fis-sena, iżda 4s.,** bħalma konna ħabbarna fil-ħarġa ta' Settembru, 1951. Ir-raġunijiet ta' l-għoli ta' l-abbonament konna fissirniehom fl-istess ħarġa ta' "IL-MALTI" ta' dik id-data. Għalhekk l-Imseħbin huma mitlubin biex, jekk jogħġobhom, jekk għadhom ma ħallsux l-abbonament ta' din is-sena, iħallsuh bir-rata l-ġdida.

L-AMMINISTRATUR.



## IL-GĦANJA TAT-TLETIN

*Ta'* MARĊELL MIZZI

Jum wara jum u sena wara sena
għaddej iż-żmien u bdejt inħares lura
nibki l-imgħoddi, quddiem — baħħ bla sura,
għada bħall-bieraħ, xejn fuq xejn jintena.

Nistenna bħal nassab moħbi fid-dura
jinqabdu ġewwa x-xbiek il-ferħ u l-hena:
il-qalb b'nofs tama w jies maqtugħ tinfena
tistenna l-mistednin u ħadd ma jżurha.

Donni ma rridx immut u xbajt mill-ħajja,
nisħet twelidi w ingħid *Alla tani*,
għax waqtiet nagħraf illi ħiejt li kelli.

Inħossni qisni mċerċer taħt ħajt delli
li jiftakar fid-dar tal-Missier għani
u bejn mistħija w għażż joqgħod jitlajja.

## "TU ES SACERDOS"

*(Lil Ħabibi Dun Ġużepp Borg Bonavia)*

*Ta'* VINCENT UNGARO

"Mur, xandar lil kulħadd imħabba u sliema
Erfa' salibek, imxi t triq warajja;
Ħoll mid-dnubiet lil dawk li juru ndiema
Wettaqhom bil-Ħobż bnin li jagħti l-ħajja.

Seteġħtek ma tintemmx, għaliex dejjiema,
Tirbaħ l-infern u tisboq l-għawġ tal-ġrajja.
Tibżax mid-dinja, tiddejjaqx quddiemha
Meta l-qrati jixluk bil-qerq tal-qlajja'.

Jien fuq ilsienek nitfa' l-kelma sewwa
U nixgħel f'qalbek ta' l-Ispirtu l-ħrara
Sabiex tkun tista' tegħleb lill-għedewwa".

Dan igħidlek Kristu x'ħin jitkellem miegħek
U jaħtrek bħal Rażul biex tgħin l-Insara
Imxi warajh u ġorr is-salib tiegħek.

Qormi, 1952.